# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Ġunju, 2025.**

**Numru 91**

**Rikors numru 814/21/1 AD**

**Yorgen Fenech**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat u L-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur minn sentenza mogħtija fl-4 ta' Ottubru 2024, li permezz tagħha, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), laqgħet l-eċċezzjoni sollevata mill-intimati billi astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet rikorrenti, billi eżerċitat id-diskrezzjoni mogħtija lilha bl-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni

ta' Malta u l-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta *stante* illi r-rikorrent kien fadallu rimedji xierqa a dispożizzjoni tiegħu *ai termini* tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Preliminari:**

**A. Fatti**

2. Ir-rikorrenti huwa persuna investigata u mixlija b'kompliċità fl-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia.

3. Fit-30 ta' Novembru 2019, ir-rikorrent tressaq il-Qorti f'dan ir-rigward.

4. Fit-18 ta' Awwissu 2021, ir-rikorrent tqiegħed taħt att ta' akkuża.

**B. Proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali):**

5. Illi permezz ta' rikors intavolat nhar l-20 ta' Diċembru 2021, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), l-attur, illum appellant, talab dikjarazzjoni illi d-drittijiet fundamentali tiegħu għal smigħ

xieraq qiegħed jiġi leż in kwantu l-prosekuzzjoni naqset milli tagħtih aċċess għall-provi u materjal illi għandha aċċess għalih u wżat fl-investigazzjoni kontra tiegħu. Ilmenta ukoll illi l-qafas leġislattiv u ċjoè l-Artikolu 534AF ma joffrix rimedju ta' natura ordinarja sabiex jiġi kontestat rifjut tal-awtoritajiet illi jagħti aċċess għall-materjal ppreservat u wżat fl-investigazzjoni kontra tiegħu.

6. Permezz ta' risposta konġunta datata tlettax (13) ta' Jannar 2022, l-intimati Kummissarju tal-Pulizija, u l-Avukat tal-Istat sostnew illi l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Eċċepew illi l-allegazzjoni ta' nuqqas ta' dritt għal smigħ xieraq tirrikjedi li jsir eżami tal-proċedura fit-totalità tagħha u mhux li jsir iffukar fuq parti partikolari tal-proċeduri ad esklużjoni ta' oħrajn. Argumentaw illi r-rikorrenti ma jistax issa kredibilment jilmenta li d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq diġà ġie miksur u dan propju għaliex il-proċeduri fil-konfront tiegħu fadlilhom biex jiġu definitivament magħluqa u sostnew illi għandha tiddeklina milli tistħarreġ ulterjorament dan l-ilment, u dan a tenur ta' l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Żiedu illi r-rikorrent ma ġarrabx preġudizzju fil-proċeduri tiegħu. Huwa ma jistax kredibilment jilmenta li d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq ġie leż minħabba li allegatament il-Pulizija ma tagħtux *disclosure* tal-materjal u l-provi kollha li ġabret. Ladarba l-proċeduri kriminali għadhom pendenti, r-

rikorrent igawdi mill-preżunzjoni tal-innoċenza, l-prosekuzzjoni trid tipprova l-każ tagħha kontrih lil hinn minn kull dubbju reġonevoli fi stadju ta' ġuri u r-rikorrent għandu kull opportunità li jiddefendi lilu nnifsu kif iħoss li huwa xieraq.

7. Żiedu illi l-kumpilazzjoni ma kienet tikkonsisti f'xejn ħlief il-produzzjoni mill-prosekuzzjoni tal-materjal u x-xhieda bħala prova favur u kontra l-imputat, u l-ġbir ta' provi mill-Qorti fil-konfront tar-rikorrent. Il-Pulizija Eżekuttiva f'dak l-istadju pproduċiet il-provi kollha materjali u rilevanti għall-akkużat. Meta nħarġet l-Att ta' l-Akkuża 17/2021, il-kumpilazzjoni ngħalqet. Isegwi għalhekk li l-prosekuzzjoni diġà wriet lir-rikorrent x'inhuma l-provi fil-pussess tagħha kontrih u favurih biex b'hekk huwa issa jaf kif għandu jiddefendi ruħu. Spjegaw illi *disclosure* tingħata biss fir-rigward ta' provi materjali u rilevanti għall-persuna li tkun qed titlobha. Dan jingħad *in vista* tal-fatt li fil-premessi tiegħu, ir-rikorrent jirreferi għal *disclosure* b'mod tant ġeneriku li wieħed jasal għall-konklużjoni li dawn it-talbiet, u saħansitra dawn il-proċeduri, ma huma xejn ħlief *fishing expedition* min-naħa tar-rikorrent *stante* li l-inkejsta maġisterjali marbuta mal-każ odjern għadha miftuħa. L-investigazzjoni għadha għaddejja u m'għandhiex tkun ippreġudikata bil-*fishing expedition* tar-rikorrent biex jinkixef materjal li lanqas biss huwa materjali u rilevanti għalih iżda li jista' jfixkel il-kors tal-investigazzjoni fil-konfront

ta' terzi. Fi kwalunkwe każ, il-provi materjali u rilevanti għar-rikorrent inġiebu matul il-kumpilazzjoni u għaldaqstant ma hemm ebda kwistjoni ta' *disclosure* ulterjuri x'tiġi mistħarrġa.

8. Affermaw ukoll illi r-rikorrent mhux biss huwa skorrett fl-interpretazzjoni tiegħu tal-iskop tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2012/13/UE iżda qiegħed jinjora għal kollox dak li jipprovdi l-Artikolu 7 tad-Direttiva, li preċiżament jindirizza l-kwistjoni ta' *disclosure*. Sostnew illi dwar l-Artikolu 8 tad-Direttiva ċitat mir-rikorrent, ma jistax jiġi skartat jew injorat il-fatt li l-ewwel subinċiż ta' l-artikolu jitkellem fuq informazzjoni relatata mal-Artikoli 3 sa 6, u ċjoè illi tikkonċerna: (i) id-dritt għal informazzjoni dwar id-drittijiet, (ii) l-ittri tad-drittijiet mal-arrest; (iii) l-ittra tad-drittijiet fil-Mandat ta' Arrest Ewropew u, finalment, (iv) id-dritt għal informazzjoni dwar l-akkuża. Isegwi għalhekk li s-subinċiż (2) tal-Artikolu 8, li wkoll jirreferi għal "informazzjoni", jirrigwarda rimedji għal nuqqasijiet limitatament b'rabta mal-obbligi naxxenti fuq l-Istati Membri taħt l-Artikoli 3 sa 6 tad-Direttiva 2012/13/UE.

9. Tajjeb jingħad ukoll li l-istess Artikoli 3 sa 6 ma jispeċifikaw xejn dwar rimedji applikabbli, iżda dan huwa kkunsidrat fl-Artikolu 8 illi jkopri r-rimedji applikabbli fil-konfront ta' nuqqas jew ċaħda tal-awtoritajiet kompetenti li jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fl-Artikoli 3 sa 6 tad-

Direttiva. Għalhekk il-Liġi ndirizzat dak li r-rikorrent qed jilmenta minnu. Jekk persuna tħoss li ma ngħatatx *disclosure* ta' materjal fil-pussess tal-Pulizija, dik il-persuna tkun tista' tirrikorri quddiem qorti jew maġistrat. Il-kliem użati fil-liġi huma wiesgħa preċiżament sabiex persuna tkun tista' tagħmel it-talba tagħha f'ċirkostanzi differenti; l-ilment tar-rikorrent li ma jistax jikkontesta rifjut tad-*disclosure* huwa għal kollox infondat;

10. B'sentenza datata 4 ta' Ottubru 2024, l-Ewwel Qorti ddeċidiet illi:

> "*Din il-Qorti tqis illi għandhom raġun l-intimati jeċċepixxu illi, kkunsidrati l-istadju illi fihom waslu l-proċeduri penali fil-konfront tar-rikorrent, il-proċeduri odjerni huma intempestivi. Dan stante illi r-rikorrent għad għandu ċ-ċans u l-possibilta' illi jagħmel talbiet relattivi fil-forum appositu sabiex jitressqu x-xhieda u jiġu esebiti l-materjal u dokumenti illi r-rikorrent huwa tal-fehma illi għandhom jitressqu. Hekk kif seta' jiġi konstatat mill-ġurisprudenza suriferita u l-prinċipji legali enunċjati aktar 'il fuq, saħansitra anke li kieku l-proċeduri penali kienu waslu fi stadju aktar avvanzat, ukoll seta' jitqies illi ilment ta' leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq huwa intempestiv, ikkunsidrati r-rimedji proċedurali illi r-rikorrent għandu għad-dispożizzjoni tiegħu. Dan aktar u aktar meta l-istadju ta' kumpilazzjoni reġa' nfetaħ u għadhom qed jitressqu xhieda ġodda, bil-possibilita' u dritt tar-rikorrent illi jitlob disclosure t'evidenza illi huwa jqis illi hija imperattiva għad-difiża tiegħu, u li jikkonduċi l-eżamijiet u kontro-eżamijiet relattivi waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri;*
>
> *Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet rikorrenti, u dan stante illi tali talbiet huma intempestivi fid-dawl tal-fatt illi l-proċeduri penali fil-konfront tar-rikorrent, minkejja illi ngħatat deċiżjoni finali dwar l-eċċezzjonijiet preliminari, għadhom fi stat ta' kumpilazzjoni ta' provi. Din il-Qorti tieħu l-opportunità tissolleċita lir-rikorrent sabiex jieħu vantaġġ mir-rimedji illi tipprovdi l-liġi f'dan l-istadju tal-proċeduri penali.*
>
> *Decide*
>
> *Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjoni sollevata mill-intimati fit-tielet paragrafu tar-risposta tagħhom, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet rikorrenti,*

*billi teżerċita d-diskrezzjoni mogħtija lil din il-Qorti bl-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi r-rikorrent fadallu rimedji xierqa a dispożizzjoni tiegħu ai termini tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent."*

## Ċ. Liġi applikabbli għal *fattispecie* taċ-ċirkostanzi odjerni:

### Artikolu 534AF

*"(1) Meta persuna waqt kull stadju ta' proċeduri kriminali tiġi arrestata jew detenuta, kull dokument li jinsab fil-pussess tal-Pulizija, li hu relatat mal-każ speċifiku u li hu essenzjali sabiex issir rikuża effettiva tal-legalità tal-arrest jew tad-detenzjoni,għandu jkun disponibbli lill-persuna arrestata jew lill-avukat tagħha.*

*(2) Il-persuna suspettata jew l-akkużat għandu jkollhom aċċess,mingħajr ħlas, għall-evidenza materjali kollha li tinsab fil-pussess tal-Pulizija, kemm jekk hija kontra jew favur l-imsemmijin persuna suspettata jew akkużat, jew lill-avukat tagħhom sabiex tiġi salvagwardjata proċedura ġusta u sabiex jipprepara għad-difiża tagħhom.*

*(3) Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (1), l-aċċess għall-evidenza materjali msemmija fis-subartikolu (2) għandu jingħata fi żmien xieraq sabiex ikun hemm eżerċizzju effettiv tad-dritt għal difiża u tal-inqas għandu jingħata mas-sottomissjoni tal-merti tal-kawża. Fejn aktar evidenza materjali tiġi fil-pussess tal-Pulizija,għandu jingħata aċċess fi żmien xieraq sabiex tkun tista' tiġi kkunsidrata mill-persuna suspettata jew mill-akkużat jew l-avukat tagħhom."*

## D. L-Appell:

11. Ir-rikorrenti ħassu aggravat b'din is-sentenza u permezz ta' rikors t'appell intavolat nhar it-22 ta' Ottubru 2024, talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tipproċedi sabiex wara

li tisma' s-sottomissjonijiet dwar il-mertu, tilqa' t-talbiet premessi mir-rikorrent fir-rikors promotur bl-ispejjeż kontra l-intimati jew alternattivament tipproċedi sabiex tibgħat il-kawża lura quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) sabiex tiġi deċiża fil-mertu.

12. L-Avukat tal-Istat, u l-Kummissarju tal-Pulizija, permezz ta' risposta datata 5 ta' Novembru 2024 sostnew illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija waħda korretta u timmerita illi tiġi kkonfermata, *stante* li l-vertenza tal-appellant hija tassew intempestiva. Spjegaw ukoll illi diversi fatti illi tqajjmu permezz tal-aggravji odjerni kienu diġà ġew indirizzati mill-Qrati Kriminali. Żiedu illi fl-appell tiegħu l-appellant lanqas jindika liema huma dawk id-dikjarazzjonijiet ta' terzi illi allegatament ma ngħatax. L-appellati stqarru ukoll illi effettivamnet hija l-liġi nnifisha li tirregola x'għandu jingħata persuna akkużata bħala *disclosure* u l-prosekuzzjoni fil-każ odjern imxiet mad-dispost tal-liġi u pprovdiet l-evidenza materjali kollha lid-difiża. Il-provi materjali u rilevanti għall-appellant fil-pussess tal-Pulizija nġiebu kollha matul il-kumpilazzjoni, b'dana illi d-difiża anke ngħatat l-opportunità illi jinstemgħu numru ta' xhieda oħra in forza tad-digriet tal-Qorti Kriminali tat-3 ta' Novembru 2023. Jirribadixxu illi l-proċeduri odjerni m'huma xejn għajr *fishing expedition* sabiex l-appellant

jikseb informazzjoni dwar terzi persuni, u liema informazzjoni mhijiex rilevanti għal proċeduri fil-konfront tiegħu.

13. Il-Qorti semgħet it-trattazzjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-24 ta' Marzu 2025, u rat illi l-appell tħalla għas-sentenza.

***L-Aggravji***

14. Permezz ***tal-Ewwel Aggravju,*** l-appellant jisħaq illi huwa skorrett li jingħad illi hu ma eżawriex rimedji ordinarji jew li l-proċeduri huma intempestivi. Jafferma illi huwa diġà talab għall-materjal suġġett għad-*disclosure*, liema talbiet ġew injorati jew miċħuda. Jindika illi l-imsemmi materjal jikkonsisti fis-segwenti u ċjoè: (i) *Recordings* bejn Melvin Theuma u Edwin Brincat użati mill-prosekuzzjoni waqt l-istqarrija ta' Brincat; (ii) dikjarazzjonijiet u stqarrijiet ta' terzi xhieda investigati b'rabta mal-proċeduri kontra l-appellant; (iii) *service provider data* ta' terzi xhieda investigati b'rabta mal-proċeduri kontra l-appellant. Żied illi fil-mori tal-proċeduri odjerni rriżulta illi l-prosekuzzjoni għandha f'idejha kwantità ta' evidenza miksuba mill-investigazzjonijiet dwar id-delitt, li ma ġietx żvelata. Jisħaq illi l-prosekuzzjoni mhux biss abdikat mid-doveri tagħha *ai termini* tal-Artikolu 534AF iżda injorat ukoll il-provvediment tal-Qorti tal-Maġistrati tal-24 ta' Diċembru 2020.

15. L-appellati b'referenza għal dana l-aggravju affermaw illi l-appellant kien diġà qajjem ilment simili fl-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari, u f'dak l-istadju l-Qorti tal-Appell Kriminali osservat illi huwa biss meta jiġi determinat finalment il-proċess ġudizzjarju kollu jista' jkun stabbilit illi tali nuqqas seta' wassal għal leżjoni tal-jeddijiet fundamentali tal-appellant u mhux qabel. Minkejja dan kollu fl-istadju sussegwenti għal dak fejn ġew deċiżi l-eċċezzjonijiet, l-appellant ingħata l-opportunità illi jindika liema xhieda jeħtieġ illi jiddeponu u d-dokumenti li tagħhom trid issir traskrizzjoni. Żiedu illi l-appellant dejjem għandu ukoll ir-rimejdu tal-appell wara d-deċiżjoni in prim'istanza, b'dana illi anke fl-istadju tal-appell jista' ukoll iqajjem kwalunkwe aggravju li jista' jkollu b'rabta mal-proċeduri kriminali inkluż dawk rigward allegat nuqqas ta' *disclosure*.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

16. L-ilment tal-appellant permezz ta' dan l-ewwel aggravju huwa mibni fuq il-premessa illi l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta rrifjutat li teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha u laqgħet l-eċċezzjoni preliminari eċċepita mill-intimati appellati fir-rigward in-non eżawriment tar-rimedji ordinarji u l-konsegwenti intempestività tal-proċeduri.

17. Fir-rigward l-intempestività *o meno* tal-proċeduri huwa minnu illi l-Qorti ta' Strasbourg tenniet illi bħala regola ġenerali:

> *"In each case, the Court's primary concern is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings. Compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole, and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident."*

18. Però ġie ritenut ukoll illi:

> *"However, it cannot be excluded that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings (ibid., § 250). Thus, for instance, in the context of its assessment of the pretrial judge proceedings confirming the indictment, the Court has stressed that it must have regard to the proceedings as a whole, assessing the handling of the case by the pre-trial judge in light of the subsequent trial, when determining whether the rights of the applicant were prejudiced. As part of that determination, it needs to be assessed whether any measures taken during the proceedings before the pre-trial judge weakened the applicant's position to such an extent that all subsequent stages of the proceedings were unfair (Alexandru-Radu Luca v. Romania, § 63)."*

19. Ġie ritenut illi:

> *"The principle of equality of arms is a component of the right to a fair hearing. It appeared in very early decisions of the European Commission of Human Rights before being endorsed in the case law of the Court. It requires that as regards litigation involving opposing private interests, equality of arms implies that each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case – including his evidence- under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-av-vis his opponent… there is a close relationship between the notion of equality of arms and the desirability of adversarial proceedings."*[1]

---

[1] William A Schabas, "Article 6 Right to a Fair Trial" f' "The European Convention on Human Rights," p.288 et seqq.

20. Min-naħa l-oħra ġie ukoll osservat illi:

> *"However, the entitlement to disclosure of relevant evidence is not an absolute right. In criminal proceedings there may be competing interests, such as* ***national security or the need to protect witnesses who are at risk of reprisals or to keep secret the methods used by the police to investigate crime, which must be weighed against the rights of the accused.*** *In some cases it may be necessary* ***to withhold certain evidence from the defence so as to preserve the fundamental rights of another individual or to safeguard an important public interest****. However, only such measures restricting the rights of the defence which are strictly necessary are permissible under Article 6 § 1 (Van Mechelen and Others v. the Netherlands, 1997, § 58; Paci v. Belgium, 2018, § 85). Moreover, in order to ensure that the accused receives a fair trial, any difficulties caused to the defence by a limitation on its rights must be sufficiently counterbalanced by the procedures followed by the judicial authorities (Rowe and Davis v. the United Kingdom [GC], 2000, § 61; Doorson v. the Netherlands, 1996, § 72)."*

21. F'deċiżjoni fl-ismijiet ***Macklin v. Her Majesty's Advocate,*** deċiża mill-Qorti Suprema tar-Renju Unit fis-16 ta' Diċembru 2015, ġie ribadit illi:

> *"As the European Court of Human Rights explained in Edwards v United Kingdom (1992) 15 EHRR 417, the question whether a failure of disclosure has resulted in a breach of article 6(1) has to be considered in the light of the proceedings as a whole, including the decisions of appellate courts. This means that the question has to be approached in two stages:*
>
> *First, it is necessary to decide whether the prosecution authorities failed to disclose to the defence all material evidence for or against the accused, in circumstances in which a failure to do so would result in a violation of article 6(1). If so, the question which then arises is whether the defect in the trial proceedings was remedied by the subsequent procedure before the appellate court.*
>
> *That was held to have occurred in Edwards, where the Court of Appeal had considered in detail the impact of the new information on the conviction. The European court observed that it was not within its province to substitute its own assessment of the facts for that of the*

*domestic courts, and, as a general rule, that it was for those courts to assess the evidence before them. Those observations were repeated in Mansell v United Kingdom (2003) 36 EHRR CD 221, where the nondisclosure of material evidence in the trial proceedings was again held to have been remedied by the Court of Appeal's examination of the impact of the nondisclosure upon the safety of the conviction."*

22. Id-dritt vantat mill-appellant fil-qafas legali domestiku huwa regolat mill-Artikolu 534AF tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan id-dispost tal-liġi proċedurali kriminali ġie introdott fil-Kodiċi Kriminali wara li saret it-traspożizzjoni fil-liġi domestika tad-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 li propju titratta d-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali (Att IV tas-sena 2014).

23. Id-dritt tal-aċċess għall-materjal tal-każ, huwa regolat bl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2012/13/UE. Fir-rigward ir-rimedji disponibbli, l-Artikolu 7.4 tad-Direttiva 2012/13/UE jipprovdi li:

*"(...) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'konformità mal-proċeduri fil-liġi nazzjonali, deċiżjoni li tiċħad l-aċċess għal ċertu materjal taħt dan il-paragrafu tittieħed minn awtorità ġudizzjarja jew tkun tal-inqas soġġetta għal reviżjoni ġudizzjarja."*

24. Dan kollu huwa mbagħad rifless fis-subartikolu 4 tal-Artikolu 534AF li jagħti dritt ta' rimedju quddiem il-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Maġistrati. Fil-fatt dan is-sub artikolu jipprovdi ukoll numru ta' ċirkostanzi partikolari li jiġġustifikaw rifjut għall-aċċess għal ċertu materjal:

> *"(...) wara li tinstema' l-prosekuzzjoni, qorti jew maġistrat jistgħu jirrifjutaw aċċess għal ċertu materjal, jekk dan l- aċċess ikun ta' theddida serja għal ħajja jew għad-drittijiet fundamentali ta' persuna oħra jew dak ir-rifjut huwa neċessarju sabiex jissalvagwardja l-interess pubbliku jew fejn jista' jippreġudika l-investigazzjoni li tkun għaddejja jew is-sigurta' nazzjonali".*

25. Huwa pależi għalhekk illi il-liġi indirizzat dak li r-rikorrenti appellant qed jilmenta minnu. Jekk persuna tħoss li ma ngħatatx *disclosure* ta' materjal fil-pussess tal-Pulizija, dik il-persuna tkun tista' tirrikorri quddiem Qorti jew Maġistrat. Dik il-Qorti jew Maġistrat għandha l-obbligu li tisma' l-prosekuzzjoni u minn hemm tiddeċiedi jekk aċċess għal materjal għandux jiġi rifjutat.

26. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, jibqa' il-fatt li din il-Qorti hija rinfaċċata b'appell minn sentenza tal-Ewwel Qorti fejn l-Ewwel Qorti eżerċitat id-diskrezzjoni mogħtija lilha, u astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tar-rikorrenti, *stante* illi fil-fehma tagħha, il-proċeduri odjerni huma intempestivi u illi r-rikorrenti fadallu rimedji xierqa a dispożizzjoni tiegħu.

27. Skont il-ġurisprudenza kostanti, is-setgħa tal-Qorti li tirrifjuta milli teżerċita d-diskrezzjoni tagħha għaliex jeżistu rimedji ordinarji oħra: *"għandha dejjem tiġi eżerċitata bi prudenza, b`mod li fejn ikun jidher li hemm jew jista` jkun hemm każ serju ta` vjolazzjoni ta` drittijiet fondamentali, l-individwu ma jiġix privat mir-rimedju kostituzzjonali [jew*

*taħt il-Kap.319] meta jkun jidher li r-rimedji oħra li hemm jew li kien hemm ma jkunux adegwati fiċ-ċirkostanzi tal-każ.”*

28. Kif ġie deċiż fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet *Ryan Briffa vs Avukat Generali* deċiża nhar l-20 ta' Marzu 2014:

> *“Il-principji applikabbli meta l-Qorti tigi biex tiddeciedi jekk ir-rikorrent ghandux jew kellux ghad-dispozizzjoni tieghu rimedju ordinarju alternattiv u effettiv gew delineati minn din il-Qorti f'diversi sentenzi taghha u l-insenjament tal-qrati taghna gie migbur b'mod komprensiv fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tas-16 ta' Jannar 2006 fl-ismijiet Olena Tetyak vs Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs (ara wkoll fost ohrajn Vincent Spiteri vs Onor Prim Ministru et, QK 31/08/1977; Dr. Mario Vella vs Joseph Bannister noe, 7/3/1994; Mouwafak Toutoungi et vs Kummissarju tal-Pulizija et, 25/11/2011; Stacey Spiteri et vs Direttur tar- Registru Pubbliku 27/04/2012; u sentenzi ohra hemm citati).Fost il-principji enuncjati hemm is-segwenti:*
>
> > *“1. L-ezistenza tar-rimedju l-iehor ghandha tirrizulta bhala stat ta' fatt attwali u objettiv;*
> >
> > *“2. Ir-rimedju jrid ikun accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur lamentat;*
> >
> > *“3. Biex ir-rimedju jitqies effettiv m'hemmx ghalfejn li jintwera li r-rimedju se jaghti lir-rikorrent success garantit, imma jkun bizzejjed li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaci;*
> >
> > *“4. Id-diskrezzjoni li ghandha l-Qorti f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja sabiex min-naha wahda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jkunux rinfaccjati b'kawzi li messhom jew setghu tressqu quddiem Qrati ohrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setghu jfittxu rimedji ohrajn effettivi, u min-naha lohra sabiex persuna ma tkunx imcahhda mir-rimedji li ghandha jedd tfittex taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni;*
> >
> > *“5. In-nuqqas wahdu ta' tehid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali tiddeciedi li ma tuzax is-setghat taghha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kienux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent;*

> *"6. Izda meta jidher car li jezistu mezz ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, ir-rikorrent ghandu jirrikorri ghal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali."*

29. Fil-kawża ***Dr.Mario Vella v. Joseph Bannister,*** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 1995, din il-Qorti kif diversament preseduta kienet imbagħad elenkat sensiela ta' prinċipji li għandhom jiggwidaw lil din il-Qorti fl-eżami tagħha dwar jekk id-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti kinitx korretta skont il-liġi:

> [a] "*Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirrizultawx ragunijiet serji u gravi ta' illegalità jew ta' gustizzja jew ta' zball manifest, ma tiddisturbax l-ezercizzju ta' diskrezzjonalità tal-ewwel Qorti kkonferita mill-Art. 46[2] tal-Kostituzzjoni.*
>
> *[b] Kull kaz ghandu l-fattispecie partikolari tieghu;*
>
> *[ċ] Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li seta' kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkunsidera li m'ghandhiex tezercita l-gurisdizzjoni taghha jekk, dak il-possibbli rimedju ma kienx pero` ser jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent;*
>
> *[d] Meta r-rikorrent ma jkunx ezawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero` dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa ghalih l-operat ta' haddiehor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipprocedix bit-trattazzjoni tal-kaz;*
>
> *[e] Meta l-ewwel Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha u tieqaf mit-trattazzjoni minghajr ma tezamina l-materja necessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata, il-Qorti tat-tieni grad ghandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

30. Jidher għalhekk illi:

> "*Il-leġislatur ma riedx li jsiru kawzi kostituzzjonali bla bżonn, mill-banda l-oħra, Però, dan il-proviso m'għandux jintuża biex ċittadin jiġi impedut milli jippromwovi azzjonijiet kostituzzjonali meta jidher prima facie li għandu każ serju li jista' jimplika ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem. Fi kliem ieħor, id-diskrezzjoni taħt l-imsemmi proviso*

*għandha dejjem tiġi użata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja, biex minn naħa l-waħda l-Prim'Awla u l-Qorti Kostituzzjonali ma jiġux inondati b'kawżi li jistgħu jiġu determinati minn Qrati oħra jew li għalihom ikun hemm rimedju effettiv taħt xi liġi oħra, Però min-naħa l-oħra ċ-ċittadin ma għandux jiġi ipprivat b'mod leġġer mir-rimedji li hu għandu dritt għalihom taħt il-Kostituzzjoni u taħt il-Kap. 319."*

31. F'dan l-istadju huwa opportun li din il-Qorti tixtarr il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu tat-talbiet avvanzati mir-rikorrent. Fir-rigward l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

"*Din il-Qorti rat illi sakemm kienu pendenti l-proċeduri odjerni, kien hemm żvolġiment fil-proċeduri penali fil-konfront tar-rikorrent: wara d-deċiżjoni tal-Qorti talAppelli Kriminali (Superjuri) tal-4 t'Ottubru 2023, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja reġgħet kompliet tisma' x-xhieda fil-każ flismijiet Il-Pulizija vs Fenech Yorgen (Każ Nru 720/2019/2). Infatti, hekk kif jikkonċedi saħansitra r-rikorrent stess fin-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri tiegħu fil-każ odjern, tressqu sabiex jixhdu xejn inqas minn ħmistax-il xhud minn Ottubru 2023 'il quddiem, b'dana illi huwa evidenti illi fl-istadju ta' kumpilazzjoni għadhom qed jitressqu l-provi;*

*Filwaqt illi din il-Qorti tifhem illi, meta ġew intavolati l-proċeduri odjerni, il-proċeduri penali kienu laħqu l-istadju t'eċċezzjonijiet preliminari, b'dana illi l-Kumpilazzjoni kienet magħluqa, din il-Qorti ma tarax kif ir-rikorrent jista' issa jallega illi qed jiġi leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq minħabba nondisclosure t'evidenza, meta lanqas għadha ġiet esebita in atti l-evidenza kollha illi sejra tiġi esebita. Hekk, per eżempju, fil-każ tar-recording bejn Edgar Brincat u Melvin Theuma, il-Qorti rat illi fid-digriet mogħti mill-Qorti Kriminali fl-Att t'Akkuża 17/2021/1 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Yorgen Fenech nhar is-sitta (6) ta' Marzu 202439, ġie dikjarat is-segwenti:*

*Il-Qorti semgħet it-trattazzjoni dwar ir-rikors tal-akkużat tal-1 ta' Marzu, 2024 fejn intalab li jingħata aċċess għal kopja tar-recordings użati mill-Prosekuzzjoni waqt l-istqarrija ta' Edgar Brincat. Tordna lill-Assistent Kummissarju Keith Arnaud sabiex fi żmien ġimgħa millum*

*jindika lill-Qorti jekk għandux fil-pussess tiegħu dawn ir-recordings u jekk fl-affermattiv li jesebixxi kopja tal-istess u jekk dawn m'humiex fil-pussess tiegħu, jindika jekk huwa jistax jikseb kopja tal-istess.*

*Fil-fehma tal-Qorti, ir-rikorrent kellu mill-inqas jistenna illi l-provi fl-istadju ta' kumpilazzjoni jkunu magħluqa qabel jallega leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, stante illi huwa impossibbli għal din il-Qorti illi tagħmel apprezzament tal-allegazzjonijiet tar-rikorrent fi stadju meta l-istampa għadha mhix waħda kompluta;*

*In oltre, hekk kif tajjeb osservaw il-Qorti Kriminali u l-Qorti tal-Appelli Kriminali (Superjuri) fid-deċiżjonijiet rispettivi tagħhom dwar l-eċċezzjonijiet preliminari, l-evidenza pretiża mir-rikorrent tinkludi wkoll evidenza illi għadha ma tistax tiġi esebita fil-kumpilazzjoni stante illi għadha s-suġġett ta' inkjesti maġisterjali illi għadhom ma ġewx konkjużi. Hekk per eżempju, fir-rigward tal-mobile phone ta' Keith Schembri, illi r-rikorrent qed jinsisti illi għandu jkun wieħed mid-devices esebiti, il-Qorti tal-Appelli Kriminali qalet illi:*

> *"l-akkużat għandu rimedji proċedurali fil-forma ta' talbiet li jista' jagħmel qabel iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri f'każ illi l-inkjesti msemmija jkunu ingħalqu qabel dik id-data kif ġia suġġerit mill-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha." Qalet ukoll, "L-akkuzat ghandu jfittex fil-provvedimenti tal-ligi sabiex isib l-ahjar mod kif jista' iressaq it-talba tieghu qabel ic-ċelebrazzjoni tal-guri u din il-Qorti ma tarax li ghandha tinoltra aktar minn hekk f'dan ir-rigward."*

*Evidentement, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) mhux talli ma lledietx id-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq, iżda talli rat illi tipproteġi d-dritt tiegħu għal disclosure, b'dana illi saħansitra dderiġiet lir-rikorrent, u ggwidatu lejn ir-rimedji illi huwa għandu sabiex jitlob l-esebizzjoni ta' materjal, devices u provi illi huwa jqis bħala kruċjali għad-difiża tiegħu. Tajjeb jingħad illi l-fatt illi r-rikorrent għadu ma ngħatax aċċess għal evidenza illi tifforma parti minn inkjesta maġisterjali illi għadha miftuħa ma jikkostitwixxix b'mod awtomatiku leżjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq;*

*Din il-Qorti tqis illi għandhom raġun l-intimati jeċċepixxu illi, kkunsidrati l-istadju illi fihom waslu l-proċeduri penali fil-konfront tar-rikorrent, il-proċeduri odjerni huma intempestivi. Dan stante illi r-rikorrent għad għandu ċ-ċans u l-possibilta' illi jagħmel talbiet relattivi fil-forum appositu sabiex jitressqu x-xhieda u jiġu esebiti l-materjal u dokumenti illi r-rikorrent huwa tal-fehma illi għandhom jitressqu. Hekk kif seta' jiġi konstatat mill-ġurisprudenza suriferita u l-prinċipji legali enunċjati aktar 'il fuq, saħansitra anke li kieku l-proċeduri penali kienu waslu fi stadju aktar avvanzat, ukoll seta' jitqies illi ilment ta' leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq huwa intempestiv, ikkunsidrati r-rimedji proċedurali illi r-rikorrent għandu għad-dispożizzjoni tiegħu. Dan aktar u aktar meta l-istadju ta' kumpilazzjoni reġa' nfetaħ u għadhom qed jitressqu*

> *xhieda ġodda, bil-possibilita' u dritt tar-rikorrent illi jitlob disclosure t'evidenza illi huwa jqis illi hija imperattiva għad-difiża tiegħu, u li jikkonduċi l-eżamijiet u kontro-eżamijiet relattivi waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri."*
>
> *Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet rikorrenti, u dan stante illi tali talbiet huma intempestivi fid-dawl tal-fatt illi l-proċeduri penali fil-konfront tarrikorrent, minkejja illi ngħatat deċiżjoni finali dwar l-eċċezzjonijiet preliminari, għadhom fi stat ta' kumpilazzjoni ta' provi. Din il-Qorti tieħu l-opportunità tissollećita lir-rikorrent sabiex jieħu vantaġġ mir-rimedji illi tipprovdi l-liġi f'dan l-istadju tal-proċeduri penali."*

32. Filwaqt illi fil-ġurisprudenza domestika naraw illi ġie kemm-il darba ritenut illi din il-Qorti m'għandhiex tiddisturba l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalità tal-Ewwel Qorti kkonferita mill-Kostituzzjoni, u l-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta sakemm ma jirriżultawx *inter alia* raġunijiet serji u gravi ta' illegalità jew ta' ġustizzja jew ta' żball manifest, huwa daqstant minnu ukoll illi l-Qorti Kostituzzjonali għandha tagħmel l-apprezzament indipendenti tagħha jekk f'każ partikolari l-Ewwel Qorti kellhiex tiddeklina milli tistħarreġ il-każ fil-mertu. Din il-Qorti rat illi l-Ewwel Qorti qabel ma eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha, għamlet eżami approfondit tal-atti kollha, u tar-riżultanzi probatorji, b'dana illi huwa pależi għal din il-Qorti illi sar eżami metikoluż tal-materja neċessarja u li fuqha l-Ewwel Qorti għazlet illi teżerċita d-diskrezzjoni tagħha *ai termini* ta' dak provdut mill-Kostitizzjonali u l-liġi domestika.

33. Min-naħa l-oħra però, il-Qorti tagħraf illi filwaqt li permezz ta' dan l-aggravju l-appellant jilmenta minn din id-deċiżjoni, l-appellant ma jindikax kif din id-diskrezzjoni ġiet erronjament applikata mill-Ewwel Qorti. Fil-fatt fir-rikors tal-appell taħt l-intestatura "Aggravju (i)", l-appellant jelenka biss id-drabi li huwa talab għal informazzjoni jew "intelligence" partikolari, u din, skont dak allegat minnu, ma ngħatatx. Fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa skontat illi appell minn deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fejn iddeklinat li teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha minħabba non-eżawriment ta' rimedji ordinarji u intempestività tal-proċeduri, qabel eżami tal-mertu, jinneċesita stħarriġ ta' jekk effettivament dik id-diskrezzjoni hekk eżerċitata ġietx applikata skont il-liġi u l-ġurisprudneza in materja.

34. Din il-Qorti wara li eżaminat bir-reqqa l-atti tal-proċeduri ma ssibx illi l-Ewwel Qorti eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha b'mod ħazin. Minn eżami approfondit tal-atti u l-provi hemm esebiti, din il-Qorti rat illi lmenti simili għal dawk odjerni kienu diġà tqajmu mill-appellant Fenech fl-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari quddiem il-Qrati kriminali. Fil-fatt il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet prelimininari tal-4 ta' Ottubru 2023, indirrizzat ilmenti dwar in-nuqqas ta' *disclosure* da parti tal-uffiċjali investigattivi u affermat illi filwaqt li tali nuqqas, jekk dejjem jirriżulta, ma jwassalx għan-nullità tal-Att t'Akkuża. Żiedet illi huwa biss meta jiġi determinat **finalment il-proċess ġudizzarju kollu** li jista' jiġi

stabbilit jekk tali nuqqas setax iwassal għal leżjoni tal-jeddijiet fundamentali tal-appellant u mhux qabel. Il-Qorti tal-Appell Kriminali żiedet tosserva ukoll illi l-akkużat ser ikollu kull opportunità bid-drittijiet li tagħtih il-liġi li jressaq dawk il-provi kollha li jidhirlu xierqa sabiex jiddefendi l-każ tiegħu. Il-Qorti tagħraf għalhekk illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha kienet diġà aċċennat għall-intempestività tat-talbiet tal-appellant.

35. Il-Qorti rat ukoll illi in segwitu għal din is-sentenza il-Qorti Kriminali kienet staqsiet jekk hemmx xi xhieda oħra li jridu jinstemgħu mill-Qorti Struttorja, b'dana illi d-difiża ikkonfermat li hemm xhieda oħra. Jidher illi d-difiża ngħatat l-opportunità li tindika liema huma dawn ix-xhieda, b'dana illi ġiet ordnata l-ftuħ mill-ġdid tal-kumpilazzjoni. Huwa għal dawn l-iżviluppi li għamlet aċċenn għalihom l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, fil-bran su-riportat.

36. Fil-fatt din il-Qorti rat illi għalkemm il-proċeduri in prim'istanza kienu differiti għat-trattazzjoni għat-18 ta' Diċembru 2023, permezz ta' rikors magħmul mill-Avukat tal-Istat u l-Kummissarju tal-Pulizija nhar it-23 ta' Novembru 2023, (ara fol 1044 *et seq*) l-intimati ġabu a formali konjizzjoni tal-Ewwel Qorti dawn l-iżviluppi, u talbu lill-Ewwel Qorti tawtorizzahom iħarrku lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali sabiex tixhed u

tippreżenta kopja aġġornata tal-inkartament tal-atti preżentati wara s-6 ta' Settembru 2022, quddiem il-Qrati Kriminali fil-kawża penali fl-ismijiet: *Ir-Reppublika ta' Malta vs Yorgen Fenech (Att ta' Akkuża 17/2021)*. Fil-fatt Stephania Calafato Testa xehdet fl-udjenza tas-16 ta' Frar 2024, b'dana illi l-partijiet kienu awtorizzati jippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri, u anke trattaw il-kawża fl-udjenza tat-12 ta' Lulju 2024.

37. Tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti meta sostniet illi hija fl-impossibiltà li tagħmel apprezzament tal-allegazzjonijiet avvanzati mill-appellant meta l-istampa għadha mhux waħda kompluta. Jirriżulta ukoll illi parti mill-evidenza mitluba mill-appellant hija ukoll is-suġġett ta' injkesti maġisterjali illi għadhom mhux konklużi. Din il-Qorti tosserva ukoll illi parti mill-materjal pretiż mill-appellant kien ukoll is-suġġett minn sett ta' lanjanzi kostituzzjonali u/jew konvenzjonali oħra intavolati mill-appellant. A skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti tirribadixxi illi fid-dawl ta' tali allegazzjonijiet l-attur huwa talinqas mistenni li jindika x'inhi din l-informazzjoni li skont hu hija rilevanti u mhux jitlob il-produzzjoni tal-materjal investigattiv kollu b'mod ġenerali mingħajr ma jgħid għaliex tali materjal jista' jkun fih informazzjoni rilevanti għalih. Din il-Qorti ttenni illi proċeduri kostituzzjonali m'għandhomx jintużaw bħala *fishing expedition* bl-għan li

persuna totjeni l-produzzjoni ta' provi li mhumiex neċessarjament relevanti għall-proċeduri istitwiti minnha.

38. Ulterjorment, mill-atti a dispożizzjoni ta' din il-Qorti ma jidhirx illi saret xi talba ulterjuri da parti tad-difiża *ai termini* tal-Artikolu 534AF (4) u lanqas ma jidher illi l-appellant avvanza xi ilment dwar *disclosure* quddiem il-Qorti Kriminali f'dik l-istess udjenza fejn il-Qorti ordnat li jinstemgħu numru sostanzjali ta' xhieda oħra quddiem il-Qorti Stuttorja, rimedju li kif ingħad, huwa wieħed effettiv u li jagħti lill-appellant l-opportunità li jissanna il-lanjanza avvanzata minnu quddiem il-qrati mogħnija b'komptenza penali.

39. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-Ewwel Qorti kienet korretta meta osservat illi l-appellant kien għad kellu a dispożizzjoni tiegħu rimedji ordinarji, li permezz tagħhom seta' javvanza dawn l-ilmenti tiegħu quddiem fora appożiti, mogħnija bil-kompetenza li jixtarru dawn l-ilmenti fil-kumplessità u t-totalità tagħhom.

40. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, u wara illi l-Qorti reġgħet poġġiet il-fatturi determinanti kollha fuq il-miżien, ma tqisx illi l-Ewwel Qorti eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha b'mod erronju u għalhekk sejra tiċħad dana l-ewwel aggravju. Ulterjorment, din il-Qorti sejra għalhekk

tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kumplament tal-aggravji li jindirizzaw il-mertu tal-proċeduri in prim'istanza.

41. Ulterjorment u fid-dawl ta' dak ritenut sopra illi, għajr għall-każijiet eċċezzjonali, meta rinfaċċata b'allegazzjonijiet ta' leżjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq, din il-Qorti hija mitluba teżamina l-proċeduri fit-totalità tagħhom, tqis illi kawżi bħal dik odjerna, li jsiru qabel il-waqt, huma biss tentattiv da parti tal-partijiet sabiex ixekklu l-proċeduri ewlenin. Din il-Qorti tosserva illi l-proċeduri kostituzzjonali fil-maġġior parti tagħhom saru biss mezz strateġiku sabiex jinħoloq ostakolu wara l-ieħor, u dan bl-għan illi jitawwlu inutilment il-proċeduri ewlenin.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell fl-intier tiegħu u tordna illi l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da